MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 21/2010

Kawza fil-lista: 28

**A V**
**vs**
**Y V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta’ Dicembru 1990, u f’dan iz-zwieg ma tweldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenuta, fit-termini tal-paragrafi [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez.

Rat li l-konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-17 ta' Dicembru 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta ma ntavolatx risposta

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet lill-attur jiddeponi, kif ukoll lill-konsulent legali tieghu Dr. Caroline Farruga li tat ix-xhieda taghha fejn ikkonfermat li l-konventa kienet irceviet ir-rikors guramentat.

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontradett li l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Dicembru 1990 meta allura l-attur kellu 32 sena u l-konvenuta kellha 43 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sena u erbgha xhur.

Illi l-konvenuta, mara ta' nazzjonalita` Ingliza, meta ltaqet ma' l-attur kienet ghada mizzewga lill-ragel iehor li sussegwentement iddivorzjat halli b'hekk setghet tizzewweg lill-attur. Inoltre, l-konvenuta kellha wild iehor minn relazzjoni ohra ta' zmien ilu ben qabel l-ewwel zwieg taghha.

Illi bejn il-partijiet kien hemm differenza sostanzjali fl-eta` fil-fatt il-konvenuta kienet hdax-il sena ikbar mill-attur. Jidher li l-konvenuta kellha 43 meta zzewget lill-attur, diga` kellha wild iehor u kienet nanna ta' neputijiet ukoll li skond l-attur kienet tghozz u meta dawn ma baqghux jigu

Malta fis-sajf hija telqet lura l-Ingilterra u ma regghetx irritornat.

Illi l-attur issostni li martu ma kellhiex interess li jkollha aktar tfal u li zzewgitu biss peress li riedet tibqa' Malta.

Illi minkejja l-fatt li ma jidhirx li hemm referta ta' notifika, mix-xhieda ta' l-Avukat Dottoressa Caroline Farrugia[1] kif ukoll mill-*email* ta' korrispondenza ta' bejn il-konvenuta u l-istess Avukat Dr Caroline Farrugia li gew ipprezentati permezz ta' nota[2]. Jidher li l-konvenuta kienet irceviet ir-rikors guramentat ta' dina l-kawza, fejn ma kienitx se tikkuntesta l-istess kawza u fil-fatt baqghet ma ntavolat l-ebda risposta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-provi akkwiziti jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta kienet eskludiet obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Dicembru 1990.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Fol. 48 tal-process.
[2] Fol. 27 tal-process.